MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

L-Erbgħa, 20 ta' April, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-12:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 39.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

39.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 39.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

39.2.1 Is-Sindku fakkar fir-rikjesti lit-TM għall-zebra crossing fi Triq San Lawrenz u l-petizzjoni tar-residenti ta' Triq Cangura. Is-SE qalet li għaz-Zebra Crossing Dr Camilleri talbet site plan mill-Perit tal-Kunsill u rigward il-petizzjoni Dr. Camilleri ma talbet aktar informazzjoni u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat email oħra u rigward iz-zebra crossing issir site plan mill-Perit Cordina.

39.2.2 Fid-dawl ta' bżonn ta major patching is-Sindku issuġerixxa sabiex nerġgħu nqajmu l-fondi li l-Kunsill suppost għandu mir-Regjun t'Għawdex tal-Asphalt. Is-Sindku talab lis-SE tibgħat ittra lill-kuntrattur li kien rebaħ il-kuntratt b'tender sabiex juri bil-miktub għadux interessat pero bqajna bla risposta. Il-Kunsill qabel unanimament li nkellmu lill-kuntrattur li xeħet it-tieni l-aħjar offerta li kien Gatt Ltd.

39.2.3 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq Triq il-Ġebla tal-Ġeneral għadu ma tkomplix. Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat ittra uffiċjali lill-kuntrattur sabiex titkompla.

39.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-bye law għadu ma kellux ċans ikellem lill-avukat.

39.2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jirċievi ħafna ilmenti mir-residenti speċjalment dawk li quddiemhom saret *disabled parking* b'numru ta' karozza privata li tinsab fi Triq il-Wileġ. Hu fakkar li l-Kunsill qatt ma ġie ikkonsultat minn TM fejn kellha ssir eżatt din il-kaxxa, il-Kunsill kemm-il darba wassal dan l-ilment lil TM pero qatt ma ġie mismugħ. Issa l-Kunsill qed jiġi mitlub biex jissuġġerixxi fejn l-aħjar li ssir. Għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb billi jitlob li tiġi attwata l-istess prassi bħall-ma saru markings oħra fl-istess triq. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jikteb email hekk kif ġej:

*Peress li l-Kunsill qatt ma kien konsulat fejn se tiġi din id-disabled parking privat, l-Kunsill fis-sitwazzjoni preżenti, ma jħossx illi huwa fil kompitu tiegħu illi jirpproponi li-kaxxa tad-disabled għal-użu personali fejn se ssir. Il-Kunsill Lokali kull ma qed jagħmel f'din is-sitwazzjoni hu li jwassal l-ilmenti tar-residenti kif waslu fil-passat.*

39.2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ilu minn Ottubru tas-sena l-oħra jiġri wara l-kuntrattur tad-dwal sabiex itih stima tal-fanal fi Triq Pawluzzu hekk kif kien approvat f'laqgħa preċedenti. Is-Sindku kompla jgħid li issa waslet l-istima li tammonta għal €80.00 u għandu jiġi installat minnufih.

39.2.7 Dwar l-għajdut li s-Surmast tal-iskola ser jinbidel is-Sindku informa li kellu laqgħa oħra mal-Prinċipal Dr. Sean Zammit fejn ikkonferma miegħu li kollox juri li s-Surmast preżenti mhux se jibqa f'din l-iskola. Is-Sindku informa li saħaq kemm felaħ u wassal l-ilment tal-ġenituri mal-prinċipal dwar il-preokupazzjoni tagħhom. Il-prinċipal informa li din hi prassi minn naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u bħala Kunsill ma nistgħu nindaħħlu min ikun imexxi l-iskola. Is-Sindku nforma li hu stess talab laqgħa mal-ġenituri tal-istudenti u l-prinċipal biex ikunu jistgħu juru l-konċerni tagħhom. Il-Viċi Sindku Anthony Formosa qal li hu jrid li l-Kunsill jibqa' jsostni dwar din it-talba. Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ssir il-laqgħa mal-ġenituri u nimxu min hemm.

39.2.8 Is-Sindku qal li bi pjaċir iħabbar li l-fondi li tlabna għalihom tal-GAG4 - Rejuvenating Gozo (Second Call) biex tiġi rranġata s-sala tal-parroċċa ġew aċċettati u ser ningħataw € 83,731.00 fejn il-co-financing kollu ser jinħareġ mill-Paroċċa. Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu l-għajuna ta' William Sultana sabiex jibda il-proċess ta' procurement.

39.2.9 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand Dr. Camilleri mit-Transport Malta fejn infurmat lill-Kunsill li jekk il-pot li tinsab fl-area ta' Pawluzzu m'għandix permess, għandha titneħħa immedjatament għaliex ser iżomm responsabbli lill-Kunsill jekk jinqala' xi inċident. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jikteb email hekk kif ġej:

*Din l-planter saret mill-Kunsill sabiex jiggwida t-traffiku li jgħaddi minn hemm. Issa jekk it-Transport Malta tapprova id-double yellow lines li applika għalihom f-email datata 2 ta' Frar, 2022, din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata u bħala planter tibqa hemm sakemm isiru d-double yellow lines. Il-Kunsilliera kollha kienu konformi ma din id-deċiżjoni, pero:*

*- Il-Kunsillier Joseph Cauchi xtaq jirrimarka li hu jaqbel li l-planter tibqa hemm sakemm isiru d-double yellow lines, imbagħad titneħħa;*

*- filwaqt li l-Kunsillier Gorg Camilleri irrimarka li l-planter għandha titneħħa immedjatament u isiru d-double yellow lines.*

39.2.10 Is-SE qalet li kellha rikjesta sabiex jinqata l-ħaxix fi Triq Wied Ġonu. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.2.11 Is-SE qalet li wara ħafna reminders sabiex mill-Community Workers Scheme tintbgħat korrispondenza sabiex ikollna uffiċjalment liema ħaddiema huma assenjati mal-Kunsill ta' San Lawrenz, kif ukoll x'inhuma d-designations tagħhom, irċiviet risposta li mal-Kunsill ġew assenjati tlett ħaddiema li huma; Lawrence Cassar, Kevin Gauci u Joseph Zahra. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.2.12 Is-SE qalet li kif se jinnotaw fuq l-iskeda ta' pagamenti, il-BOV għadu ma irranġax sabiex nibdew bid-direct bank transfers. Is-SE qalet li se ttihom deadline u jekk ma jirranġawx il-Kunsill mhux se jħallas charges. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.2.13 Is-SE qalet li sabiex tiġi ikkanċelata s-sim card tal-linja uffiċjali tal-mobile tal-Kunsill, kif intalab li jsir fl-aħħar laqgħa, il-Kap Eżekuttiv tal-GO talab li jitħallsu €300.00 multa, li kważi hu l-ammont kollha tal-bqija tal-kuntratt li fadal. Il-Kunsill qabel unanimament li xorta tiġi

ikkanċellata s-sim card. Is-SE infurmat lill-Kunsill li hi s'issa għada ma irċivietx l-arretrati tal-communications allowance li huma parti mill-arretrati dovuti lis-SE kollha. Is-SE qalet li hi talbet parir legali u ġiet infurmata li dan hu reat kriminali fil-konfront tal-Kunsill u se tkun qed tirrimedja s-sitwazzjoni min-naħa tagħha. Hawnhekk il-Kunsill talab sabiex dan il-parir jingħata lill-Kunsill bil-miktub għax il-Kunsill li qed jagħmel huwa li qed jimxi maċ-Ċirkolari maħruġa mid-DLG li kienet tgħid li ma tikwalifikax għal arretrati tal-communication allowance. Is-SE reġgħet sosniet li din iċ-ċirkulari qed tiġi interpretata ħażin u b'insistenza kbira li ma tistax tifhem għalfejn. Hi kompliet tgħid li apparti hekk, il-Kunsill kien qed iħallas linja tal-mobile uffiċjali tal-Kunsill, filwaqt li hi xorta kienet tagħmel użu mill-mobile tagħha personali sabiex tuża l-istess linja. Il-Kunsill fakkar pero li din il-linja dejjem kienet użata mis-Segertarju Eżekuttiv. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill ma huwiex kontra li jingħataw l-arretrati l-oħra kif ukoll li tibda tingħata l-allowance dovut. Huwa offra lis-SE li jekk trid tieħu l-arretrati l-oħra dovuta immedjatament u l-parti tal-communication allowance tibqa' barra sakem jiġu ċċarati l-affarijiet.

39.2.14 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza għall-korsijet tal-life long learning. Is-Sindku qal li jissuġerixxi li napplikaw bil-proposal tal-korsijiet taż-żfin li kien irċieva l-Kunsill ftit qabel. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.2.15 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand il-community workers scheme fejn qed jitolbu sabiex bħala Kunsill nimlew Service Level questionnaire. Il-Kunsill qabel unanimament kif jimtela.

39.2.16 Is-SE qalet li irċivejna notifika rigward Road Construction vs Gatt mill-qorti fejn din inqrat lill-Kunsill.

39.2.17 Is-SE qalet li irċivejna email mill-progett Wifi4EU biċ-ċertifikat tal-fondi tal-proġett.

39.2.18 Is-SE qalet li irċivejna rikjesta sabiex tiġi shifted bozza fi Triq Cangura peress li se jsir bini flokha. Il-Kunsill qabel unanimament fejn se tiġi shifted.

39.2.19 Is-SE qalet li irċivejna rikjesta mir-Regjun t'Għawdex sabiex jaraw San Lawrenz hemmx spazju għall-primary health care centre. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellhom qed jipproponi sabiex fiċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid ikun hemm spazju għall-din il-ħaġa. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.2.20 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand resident li joqgħod Triq Wied il-Merill fejn qed jistidien lill-kunsilliera jiġu fuq il-post jaraw is-sitwazzjoni li hemm meta l-istess triq tingħalaq. Is-Sindku qal li hu diġa iltaqa ma' dan ir-resident u fakkru li bħala Kunsill qed nippruvaw nsibu soluzzjoni anke jekk nużaw passaġġ tan-nies. Is-SE fakkret li bħala Kunsill ma nistgħux nagħmlu xogħol fil-privat. Is-Sindku fakkar li hu kien talab sabiex saħansitra tinfetaħ triq alternattiva fl-area lejn Triq Nicholas Monsarrat lill-Ministeru għal-Għawdex. Il-Kunsilliera ddeċidew li peress li s-Sindku diġà ltaqa ma dan ir-resident ma jħossux li għanhom jiltaqgħu huma.

## 39.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

39.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima avżat li Triq Wied il-Merill għanda bżonn tintnaddaf.

39.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi avża li fl-isqaq ta' ħdejn ir-restaurant fil-pjazza hemm bozza tpetpet.

## 39.4 Programm ta' Xogħol għall-Ħaddiema;

39.4.1 Is-Sindku qal li beda jippjana xi xogħolijiet li jistgħu jibdew jagħmlu l-ħaddiema l-ġodda li huma assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema, fosthom ħasil tal-pjazza, jinqata l-ħaxix kif rikjest illum b'mod urġenti, xi xogħol ta' injam li jonqos fl-uffiċċju tal-Kunsill, qtuħ ta' ħaxix ħażin eċċ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 39.5 Proġett tal-Iskema Ambjent;

39.5.1 Is-Sindku qal li l-proġett tal-aħħar skema tal-Ambjent jifdal madwar €2,600 li jistgħu jintafqu u jekk ikun hemm qbil, jista' jsir addendum fil-kuntratt tat-tender eżiżtenti u jintużaw billi jinxtraw iktar pots u xtieli. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 39.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

39.6.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

39.6.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 39.7.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-14:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2022 fl-12:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv